# QORTI ĊIVILI - PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 659/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Anthony Buhagiar (K.I. 0324256M)**
**u martu Anna Buhagiar (K.I. 11358M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talbu s-segwenti:

   1. *Illi fid-29 ta' Marzu tas-sena 2006, ir-rikorrent intavola kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 273/2006 fl-ismijiet ta' 'Buhagiar Anthony et. vs Falzon Monica et', liema Qorti kienet ppreseduta mill-Onor. Imħallef J. R Micallef.*

   2. *Illi dina l-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar id-19 ta' Ġunju tas-sena 2007, ossia madwar sena u tlett xhur mill-preżentata tal-imsemmija kawża.*

   3. *Illi nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħatret perit tekniku ai termini tal-Artikolu 644 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ħalliet il-kawża għas-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena 2007, għall-preżentata tal-imsemmi rapport imħejji mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti. Madanakollu, tali rapport tal-perit ġie preżentat fl-erbatax (14) ta' Mejju 2008, u fis-seduta ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena 2008, il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent, iħarrek lill-perit tekniku in eskussjoni għas-seduta*

*ta' wara. Minkejja dan kollu, fis-seduta sussegwenti, ossia dik ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru 2008, il-perit tekniku talab iktar żmien sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-esponent.*

4. *Illi fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena 2009, il-partijiet trattaw il-kawża u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena 2009.*

5. *Illi minn tali ġurnata 'l quddiem, is-seduti baqgħu jiġu differiti stante l-fatt li l-Qorti riedet aktar żmien sabiex tagħti s-sentenza jew sempliċiment differita fuq ordni tal-Qorti.*

6. *Illi eventwalment, fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-sentenza tagħha. Illi minn dan, jemerġi illi sabiex tali kawża ġiet deċiża, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħadet xejn inqas minn għaxar (10) snin u sitt (6) xhur mid-data tal-preżentata tal-kawża.*

7. *Illi sussegwentement, l-konvenuti f'dik il-kawża kienu ntavolaw appell mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tali appell ġie appuntat għas-smiegħ fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena 2021, u ġie eventwalment deċiż nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena 2021, ossia erba' (4) snin, erba' (4) xhur u sebgħa u għoxrin (27) ġurnata wara l-ġudizzju tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.*

8. *Illi minn dan jemerġi li sabiex din il-kawża ġiet deċiża b'mod finali, il-Qrati tagħna ħadu* ***erbatax (14)-il sena, għaxar (10) xhur u sebgħa u għoxrin (27) ġurnata.***

**9.** *Illi l-konvenuti fil-kawża fl-ismijiet Buhagiar Anthony et. vs Falzon Monica et [Rik Ġur 273/2006] diġa' intavolaw kawża f'dan ir-rigward fl-ismijijet Lucienne Bonavia (K.I. Nru. 450773(M)), Mario Bonavia (K.I. Nru. 142167(M)), Monica Falzon (K.I. Nru. 566977(M)), James Falzon (K.I. Nru. 292068(M)) vs. L-Avukat tal-Istat [Rik. Kost. 225/2021 RGM] fejn il-Qorti laqgħet it-talba tagħhom u ddikjarat u ddeċidiet li d-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġew leżi bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom.*

***Id-Dritt għas-Smiegħ Xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea).***

1. *Illi kif ġja ġie indikat aktar qabel, tali proċeduri ċivili mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali damu xejn anqas minn erbatax (14)-il sena, għaxar (10) xhur u sebgħa u għoxrin (27) ġurnata sabiex jiġu deċiżi.*

2. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, meta wieħed jikkunsidra l-kumplessita' tal-każ odjern, iż-żmien ta' erbatax (14)-il sena, għaxar (10) xhur u sebgħa u għoxrin (27) ġurnata ma' jista' jitqies qatt bħala żmien*

*raġjonevoli hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

3. *Illi filwaqt li l-esponenti jifhmu li l-Qorti tal-Appell għandha backlog ta' kawżi, dan l-istat ta' fatt waħdu ma jista' qatt jeżonera lill-Istat mill-obbligi kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu f'dan ir-rigward.*

4. *Illi wkoll, dan id-dewmien ta' kważi ħmistax (15)-il sena ma jistax jingħad li ġie attribwit lill-partijiet tal-kawża, billi ftit kienu d-differimenti illi ntalbu tul il-mori tal-kawża in mertu, u billi wkoll huma adoperaw ruħhom b'mod responsabbli mal-proċedura elenkata kemm taħt il-Liġi tal-Proċedura u kif ukoll dik ordnata mill-Qorti.*

5. *Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ta'* ***<u>Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali,</u>*** *deċiża nhar l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena 2016, fejn il-Qorti sostniet;*

*"Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'għandux jitgħabba b'nuqqasijiet proċedurali li hu ma kellux ħtija għalihom...*

*In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawżi jitmexxew b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti tekniċi, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qrati jkunu jistgħu jwettqu dan id-dmir tagħhom,* ***<u>din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-Istat għandu jkun eżonerat minn responsabbilità għal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawża ta' kumplessità mhux aktar mill-medja"</u>***

6. *Illi qiegħda ssir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet ta'* ***<u>Central Mediterranean Development Cooperation Limited vs Avukat Ġenerali,</u>*** *deċiża nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fejn il-Qorti għamlet referenza għall-kawżi 'Vocaturo vs Italy' u 'G.H. vs Austria', fejn il-Qorti Ewropea irriteniet illi: "<u>It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyne to obtain a final decision on disputes relating to ċivil rights and obligations within a reasonable time".</u>*

7. *Illi għandu jiġi mfakkar illi d-dritt sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-effikaċja billi dewmien esaġerat jimmilita kontra l-aċċess garantit għall-ġustizzja li għandu jiġi żgurat mill-Istat lil kull ċittadin. Kif jgħallmu l-awturi Jacobs White & Ovey; "The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility".*

8. *Illi di piu', il-ġurisprudenza tgħallimna li meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk tali dewmien kienx wieħed raġonevoli jew le, il-Qorti għandha tikkunsidra il-kumplessita' tal-każ, l-imġieba tal-Qorti u l-imġieba ta' min ikun qiegħed jilmenta.*

9. *Bir-rispett għalhekk qiegħed jiġi sottomess illi ġurisprudenza Ewropea tgħallimna li problema riżultanti mill-kumplessita' organizzattiva tal-proċedura nazzjonali u cioe' dawk attribwibbli lill-Istat, m'għandhom qatt jitqiesu bħala parti mill-kumplessita' tal-każ in eżami.*

10. *Illi għalkemm wieħed irid iħares lejn il-proċeduri fit-totalita' tagħhom, ċerti mankanzi, jew anke aspett partikolari wieħed, hekk kif ġara f'dan il-każ, jistgħu jkunu tant determinanti għall-eżitu ta' kawża fil-każ konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wieħed partikolari ikunu/tkun biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm "smiegħ xieraq".*

11. *In oltre, f'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* **Lupeni Greek Catholic Parish and Others vs Romania,** *deċiża nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena 2016 ikkunkludiet illi:*

> *"142* ***. It is for the Contracting States to organise their judicial systems in such a way that their courts are able to guarantee the right of everyone to obtain a final decision on disputes concerning civil rights and obligations within a reasonable time*** *(see Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], no. 35382/97, § 24, ECHR 2000-IV, and Vassilios Athanasiou and Others v. Greece, no. 50973/08, § 26, 21 December 2010).*
>
> *143. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see Sürmeli v. Germany [GC], no. 75529/01, § 128, ECHR 2006-VII).*
>
> *150. Albeit the case in itself was not a particularly complex one, the lack of clarity and foreseeability in the domestic law rendered its examination difficult (see paragraph 121 above); those shortcomings are entirely imputable to the national authorities and, in the Court's opinion, contributed decisively to extending the length of the proceedings.*
>
> *151. Having regard to all the elements submitted to it, the Court concludes that the applicants' case was not heard within a reasonable time.*

*152. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Convention on account of the length of the proceedings."*

12. *Illi għalhekk, bir-rispett kollu iżda fl-umli fehma tal-esponenti, dewmien ta' madwar ħmistax il-sena, fid-dawl taċ-ċirkotanzi odjerni, ma jista' qatt jitqies bħala wieħed raġjonevoli u konsegwentement għandu jirriżulta li frott ta' tali dewmien ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti li jkollhom smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-premessi, l-esponenti umilment u bir-rispett jitolobu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. ***Tiddikjara u Tiddeċiedi** li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli hekk kif protett mill-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; ġie vjolat bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom li damet erbatax-il sena, għaxar xhur u sebgħa u għoxrin ġurnata.*

2. ***Tillikwida** ammont ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji lir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smiegħ xieraq.*

3. ***Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat intimat.*

2. Rat illi fit-2 ta' Frar 2023, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi l-esponent jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   2. *Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti tal-proċeduri fl-ismijiet "**Buhagiar Anthony et vs Falzon Monica et"** (Rik Nru 273/2006) u jidher illi r-rikorrenti qiegħdin jitfaw ir-responsabbiltà tal-allegat dewmien fuq il-qrati li semgħu dawn il-proċeduri. Ġialadarba ma kienx parti tal-proċeduri l-esponent żgur m'huwiex responsabbli għal kwalunwkwe dewmien fl-imsemmija proċeduri;*

   3. *Illi skont ġurisprudenza nostrana u Ewropea l-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċeduri ma sarx fi żmien raġjonevoli huma: (i) l-kumplessità tal-każ; (ii) l-aġir tal-partijiet fil-proċeduri; (iii) l-aġir tal-awtoritajiet ġudizzjarji. Dawn l-elementi għandhom ikunu eżaminati fl-assjem tagħhom u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura;*

   4. *Hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġjonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min numru ta' snin li tkun damet*

*għaddeja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

5. *Illi l-esponent jikkontendi illi ma jidhirx li r-rikorrenti applikaw id-dettami tal-artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta matul dawn il-proċeduri;*

6. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wiehed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skond il-Liġi.*

7. *Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss fil-forma ta dikjarazzjoni jew ta` kumpens bħala danni morali u mhux ta` danni materjali bħal kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti fit-talbiet tagħhom;*

8. *Għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

3. Rat illi fl-24 ta' Frar 2023, ġie ordnat illi l-atti tal-proċeduri 273/2006 fl-ismijiet '**Anthony Buhagiar vs Monica Falzon**' deċiżi b'mod finali fi stadju tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021, jiġu allegati mal-proċeduri odjerni.

## Provi

4. Rat l-affidavit ta' **Anthony Buhagiar** ppreżentat fl-24 ta' Frar 2023. (fol 17)

5. Rat illi fl-24 ta' Frar 2023, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi w il-kawża tħalliet għall-provi intimati.

6. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2023, l-Avukat tal-Istat għarraf lill-Qorti illi ma kellux provi x'jressaq w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

7. Rat illi fil-15 ta' Gunju 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet finali bil-miktub tar-rikorrenti. (fol 21)

8. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet finali bil-miktub ta' l-intimat. (fol 32)

9. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Bażi tal-Azzjoni

10. Jirriżulta illi l-każ odjern jinbet minn każ illi r-rikorrent, flimkien ma' seba' ħutu Carmela Buhagiar, Lorenza Zammit, Joseph Buhagiar, Mary Grace Zammit, Emanuel Buhagiar, Faustina Pullicino u Rita Buhagiar għamlu kontra Monica u James Falzon u

Lucienne u Mario Bonavia biex jiġi dikjarat illi l-konjuġi Falzon u Bonavia okkupaw parti mill-għalqa tal-aħwa Buhagiar, fosthom ir-rikorrent, billi tellgħu ħajt diviżorju ġdid f'biċċa mill-ħxuna tiegħu fil-għalqa tar-rikorrenti, u billi wkoll, fil-bini tagħhom u li tħares fil-propjeta' tal-istess aħwa Buhagiar, fetħu twieqi li jittawlu fuq il-propjeta' ta' Buhagiar li ma kellhiex tinfetaħ.

11. Jirriżulta illi l-kawża tqiegħdet fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smiegħ u bejn Awissu 2006 u Ġunju 2007 instemgħu x-xhieda quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

12. Jirriżulta illi fid-19 ta' Ġunju 2007, il-kawża reġgħet tqiegħdet fuq il-lista tal-kawża u tqabbad il-Perit Tekniku Alan Saliba sabiex jirrelata dwar il-każ, fejn irrelata fl-14 ta' Mejju 2008.

13. Jirriżulta illi fit-23 ta' Ġunju 2009, saret it-trattazzjoni finali da parte tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

14. Jirriżulta illi wara erbgħa u għoxrin (24) seduta fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza, fid-29 ta' Settembru 2016, il-Qorti tat is-sentenza tagħha, fejn tat raġun lir-rikorrenti u laqgħat it-talba tagħhom.

15. Jirriżulta illi fid-19 ta' Ottubru 2016, l-intimati konjuġi Falzon u Bonavia appella minn tali deċiżjoni, liema Appell ġie appuntat għas-smiegħ fil-5 ta' Jannar 2021.

16. Jirriżulta illi l-appell ġie trattat fit-8 ta' Frar 2021, u ġiet deċiża għas-sentenza għall-25 ta' Frar 2021, meta ngħatat setenza finali illi biha ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tad-29 ta' Settembru 2016.

17. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi, in vista tat-trapass ta' erbgħatax-il sena, għaxar xhur u sebgħa u għoxrin ġurnata minn meta l-kawża tħalliet għas-sentenza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ġunju 2009 sad-data tas-sentenza finali quddiem il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021, huma sofrew leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati fil-proċeduri 273/06, ossija il-konjuġi Lucienne u Mario Bonavia u Monica u James Falzon, permezz ta' kawża intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' April 2021, fl-ismijiet 'Lucienne Bonavia et vs L-Avukat tal-Istat', Rikors Ġuramentat Nru 225/2021 RGM, intavolaw proċeduri identiċi, fejn huwa wkoll ilmentaw mid-dewmien tal-proċeduri li huma wkoll il-meritu tal-kawża odjerna.

19. Jirriżulta illi, permezz ta' sentenza tal-24 ta' Frar 2022, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabet raġun fit-talbiet tal-konjuġi Bonavia u Falzon, u akkordatilhom danni non-pekunjari ta' €5,000 għall-konjuġi Bonavia u €5,000 għall-konjuġi Falzon.

20. Jirriżulta illi fis-16 ta' Diċembru 2022, ir-rikorrenti konjuġi Anthony u Anna Buhagiar, li jidher li ġew a korrent ta' tali proċeduri deċiżi b'suċċess, tħajjru u ppreżentaw il-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

21. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ilment tar-rikorrent huwa IDENTIKU għal dak imqajjem mill-konjuġi Bonavia u Falzon fil-kawża 225/2021 fuq imsemmija.

22. Ikun għalhekk opportun u ta' ekonomija tal-ġudizzju, illi l-konsiderazzjonijiet eruditi ta' din l-Qorti jiġu riprodotti hawnhekk, sabiex jiġi assikurat ugwaljanza fit-trattament tar-rikorrenti odjerni.

23. Jirriżulta illi din il-Qorti kellha dan xi tgħid:

***Fatti Antecedenti l-Kawża Kostituzzjonali.***

*Fid-29 ta' Marzu 2006 ġiet intavolata azzjoni minn Anthony Buhagiar u għadd ta' atturi oħra kontra r-rikorrenti tal-kawża odjerna. L-azzjoni ċivili kienet tirrigwarda "teħid ta' art waqt xogħlijiet ta' bini li kienu qegħdin isiru f'fond li jmiss ma' ieħor u dwar introspezzjoni minħabba twieqi magħmula f'bini ġdid li jittawlu għal fuq ġid tal-atturi.*

*B'digriet tal-4 t'April 2006, il-Qorti Ċivili ordnat lill-atturi f'dik il-kawża sabiex sal-31 ta' Mejju 2006 iressqu x-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavits kif ukoll li jippreżentaw kull dokument relattiv li kien għadu ma ġiex ippreżentat.*

*L-atti ġew notifikati lill-konvenuti (rikorrenti fil-kawża odjerna) fl-10 t'April 2006 u ppreżentaw risposta fis-27 t'April 2006 flimkien ma' għadd ta' dokumenti. Fis-26 ta' Mejju 2006 l-atturi ppreżentaw rikors jitolbu awtorizzazzjoni sabiex jippreżentaw in-nota bl-affidavits fi żmien ieħor. B'digriet tad-9 ta' Ġunju 2006, il-Qorti laqgħet it-talba u tawlet iż-żmien sal-31 ta' Lulju 2006. Kien b'nota tal-10 t'Awwissu 2006 li l-atturi Buhagiar ippreżentaw nota b'sitt affidavits.*

*Fis-26 ta' Settembru 2006 inħareġ avviż li l-kawża tqegħdet fil-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta (pretrial) u bdiet tinstema' mill-Assistent Ġudizjarju Av. Dr. Maria Dolores Gauci u l-ewwel seduta saret fit-30 ta' Novembru 2006. Waqt dik is-seduta ġie maqbul li l-atturi kellhom bżonn żewġ seduti għal provi tagħhom filwaqt li l-konvenuti kellhom bżonn żewġ seduti oħra għal provi tagħhom u kien għalhekk li ġew iffissatti 4 seduti għal dak l-iskop. L-ewwel seduta għal provi quddiem l-Assistant Ġudizzjarju kienet fid-19 ta' Frar 2007 u waqt dik is-seduta xehdu Monica Falzon u Lucienne Bonavia u l-kontro-eżami tagħhom ġie riżervat. Waqt it-tieni seduta assenjata lill-atturi iffissata għas-26 ta' Frar 2007 xehed il-Perit Joseph Borg Grech u sar il-kontro-eżami tiegħu wkoll waqt l-istess seduta. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2007 li kienet assenjata għall-provi tal-konvenuti ġie biss dikjarat li l-atturi kienu għalqu l-provi tagħhom.*

*Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2007, il-konvenuti ressqu lil Perit Mario Grech bħala xhud u sar ukoll il-kontro-eżami tiegħu. Ġiet iffissata data oħra għal 4 ta' Mejju 2007 sabiex il-konvenuti jressqu l-provi tagħhom u fil-fatt ressqu lil Joseph Aquilina li sar il-kontro-eżami tiegħu wkoll kif ukoll xehed Mario Bonavia. F'dik is-seduta l-legali tal-konvenuti ddikjara li eżawrixxa l-provi tiegħu.*

*B'digriet tal-15 ta' Mejju 2007, il-Qorti ordnat li l-kawża titqiegħed fuq il-lista tas-smigħ għal quddiem il-Qorti għad-19 ta' Ġunju 2007 għall-*

*kontinwazzjoni. Waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2007 il-Qorti ħasset il-ħtieġa li jinħatar il-Perit Tekniku Alan Saliba u ddifferrixxiet il-kawża għas-7 ta' Novembru 2007 għar-*rapport. *Fis-7 ta' Novembru 2007 ma deher ħadd u għalhekk ġiet differita għall-14 ta' Frar 2008 għar-*rapport. *Waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2008 ġie ordnat li l-aċċess jinżamm fl-14 ta' Marzu 2008 u l-kawża ġiet differita għar-rapport għat-13 t'April 2008. Fit-18 ta' Marzu 2008 il-Perit ippreżenta rikors jitlob lill-Qorti tidderiġi lir-Reġistratur sabiex jgħaddilu l-inkartament oriġinali u l-Qorti b'digriet tal-1 t'April 2008 ordnat lir-Reġistratur jagħti lill-Perit kull għajnuna meħtieġa biex jitwettaq l-inkarigu mogħti lilu. Fit-23 t'April 2008 deher il-Perit Tekniku li għarraf lill-*Qorti *li s-seduti għall-ġbir tal-provi kienu nżammu u kien qiegħed iħejji r-*rapport *tiegħu. Ir-*rapport *tal-Perit Tekniku ġie ppreżentat fl-14 ta' Mejju 2008 u ġie maħluf fil-5 ta' Ġunju 2008.*

*B'nota tat-3 ta' Ġunju 2008, il-*konvenuti *(rikorrenti fil-kawża odjerna) iddikjaraw li ħassewhom aggravati mir-*rapport *tal-Perit Tekniku u talbu l-ħatra ta' periti perizjuri. In segwietu għal din in-*nota *l-Qorti, waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju 2008 awtoritazzat lill-konvenuti sabiex jibgħatu l-mistoqsijiet lill-Perit fi żmien xieraq qabel is-seduta li kien imiss. Kien ġurnata qabel is-seduta tal-20 ta' Novembru 2008 u ċioe fid-19 ta' Novembru 2008 li l-konvenuti bgħatu l-mistoqsijiet tagħhom lill-Perit Tekniku. Il-Perit Tekniku ippreżenta t-tweġibiet fl-1 ta' Diċembru 2008. Fil-5 ta' Marzu 2009 saru il-mistoqsijiet in eskussjoni lill-Perit mill-partijiet fil-kawża ċivili. Fl-istess seduta l-avukat tal-konvenuti "xtaq li qabel ma' l-Qorti tqiegħed l-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq tħalli lill-konvenuti jressqu nota ta' kritika għall-konkluzzjonijiet milħuqa mill-*Perit *Tekniku sabiex il-lanjanzi tal-konvenuti ikunu ġew esposti kollha sa dak inhar li ssir it-trattazzjoni."*

*Il-Qorti laqgħet* it-talba u ordnat lill-konvenuti jressqu n-*nota tagħhom sas-6 t'April 2009 u ħalliet l-kawża għat-trattazzjoni għall-14 ta' Mejju 2009. In-nota ta' kritika tal-konvenuti ġiet ippreżentata fit-13 t'April 2009. Waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju 2009 l-*avukat *tal-atturi b'referenza għan-nota ta' kritika tal-konvenuti talab lill-Qorti biex tħallih iressaq nota responsiva minflok trattazzjoni orali u l-Qorti laqgħet it-talba u tagħtu sas-16 ta' Ġunju 2009 biex iressaq in-*nota *tiegħu u tat sat-23 ta' Ġunju 2009 lill-*konvenuti *sabiex jagħmlu s-*sottomissjonijiet ulterjuri. *Il-konvenuti m'oġġezzjonawx.*

*Nonostante li l-Qorti laqgħet it-*talba tal-atturi, il-legali tal-atturi *għażel li jagħmel sottomissjonijiet bil-fomm waqt is-seduta tat-23 ta' Ġunju 2009. Il-kawża ġiet differita għad-29 t'Ottubru 2009 għas-*sentenza.

*Il-Qorti* ma tatx is-*sentenza f'dik id-*data. *Minn din il-ġurnata 'l quddiem, is-seduti baqgħu jiġu differti, jew minħabba l-*fatt *li l-Imħallef sedenti kien indispost, jew minħabba* l-fatt *li* l-Qorti riedet *aktar żmien sabiex tagħti s-sentenza jew sempliċiment differita fuq ordni tal-*Qorti. *Fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2016 il-konvenuti urew ix-xewqa tagħhom lill-Qorti li hija għandha tgħaddi għall-għoti tas-*sentenza *wara l-btajjel tas-sajf. Fid-29 ta' Settembru 2016 l-Qorti ppronunzjat is-sentenza.*

*Fid-19 t'Ottubru 2016 il-konvenuti appellaw mis-sentenza. Fil-5 ta' Jannar 2017, l-atturi appellati resqu r-risposta tagħhom għall-appell.*

*B'digriet tal-5 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) wara li ħadet qies tar-Regolament 9(1)(vi) tal-L.S. 12.09 appuntat l-appell għas-smigħ għall-1 ta' Frar 2021. Waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2021, l-appell ġie differit għat-8 ta' Frar 2021 għat-trattazzjoni. It-trattazzjoni saret fid-data ffissata u ġiet differita għas-sentenza għall-25 ta' Frar 2021. Fl-imsemmija data, il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha.*

*Fit-13 t'April 2021 il-konvenuti u ċioe ir-rikorrenti fil-kawża odjerna intavolaw il-proċeduri odjerna fejn qegħdin jillamentaw li d-dewmien fil-kawża ċivili li damet 'il fuq minn erbatax-il sena, illediet id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*Ikkunsidrat;*

***Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni***

***Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni***

> *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]"*

***Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni***

> *"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

*L-awturi* ***Harris, O'Boyle and Warbrick*** *fil-ktieb* **Law of the European Convention on Human Rights** *(r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:*

> *"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58]".*

*Ikompli jingħad li,*

> *"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*

*Dan it-tagħlim ġie adottat mill-Qrati Maltin fosthom fis-sentenza* ***David Marinelli vs. Avukat Ġenerali*** *(Rik Kost 5/2008) mogħtija fit-3 ta' Lulju 2008, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi: "B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smiegħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess". Ma' dawn il-kriterji, il-Qrati tagħna ġieli qiesu l-fattur ta' 'l-importanza tal-każ għall-attur' bħala r-raba' kriterju fejn fost dawn is-sentenzi insibu l-kawża fl-ismijiet Anthony Mario Vella vs. Reġistratur tal-Qrati et (Rik Kost 7/2016) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Settembru 2021.*

*It-test ta' żmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri ċivili għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.*

*Fil-kawża* ***Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali*** *(Rik Kost 71/2010) il-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-1 ta' Frar 2016 ikkunsidrat illi,*

> *"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'żmien raġjonevoli', l-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu."*

*B'mod ġenerali il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-Artikolu 6 meta ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti:*

1. *It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern intimat ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (Obermeier v. Austria §72; Periscope v. France §44; Messina v. Italy §28; Darnell v. the United Kingdom §21; Allenet de Ribemont v. France §57);*
2. *L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (Darnell v. the United Kingdom §20);*
3. *Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' out-of-court settlement (Cormio v. Italy §§16-17);*
4. *Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (Cesarini v. Italy §20 (tliet istanzi); Salerno v. Italy §21 (tliet istanzi); Abdoella v. the Netherlands §22 (ħames istanzi); Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106 (tliet istanzi); Raimondo v. Italy §44 (żewġ istanzi) Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72 (tliet istanzi);*
5. *Dewmien riżultanti minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213);*
6. *Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (Beaumartin v. France § 33).*

***Kumplessità***

*L-ewwel fattur li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili kinux kumplessi. Każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni involuti fil-proċeduri, in-numru ta' xhieda li jridu jixhdu, konnessjoni ma' proċeduri ċivili oħra, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta kif ukoll il-kumplessità ta' punti legali. L-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick fil-ktieb tagħhom surreferit qalu hekk dwar il-punt ta' kumplessità ta' proċedura:*

> *"As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See De Clerck v Belgium hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)]."*

*Din il-Qorti fliet il-proċess tal-kawża ċivili u waslet għal fehma li l-proċeduri xejn ma kienu kumplessi tant li l-provi nġabru primarjament fi stadju ta' pretrial u l-Perit Tekniku sema' wkoll xi xhieda qabel għadda sabiex jipprepara r-rapport tiegħu.*

*Is-seduta l-oħra li nżammu qabel il-kawża ġiet differita għas-sentenza kienu sabiex jiġi trattat primarjament ir-rapport tekniku u jsiru s-sottomissijonijiet. Dan il-proċess kollu ħa tlett snin u tlett xhur. Magħdud ma' dan il-Qorti tista' tgħid li l-azzjoni ċivili ma kinitx l-ewwel waħda tax-xorti tagħha tant li fis-*

*sentenza tagħha l-Ewwel Qorti irreferriet għal aktar minn ħmistax-il sentenza fuq is-suġġett. In oltre l-prinċipji legali li fuqhom straħet il-Qorti Ċivili jsibu twelid tagħhom fil-prinċipju tad-Dritt Ruman u għalhekk huma prinċipji ormai ben stabbiliti.*

*Għalkemm il-proċeduri ċivili in kwistjoni ma ħtieġux li jiġu trattati bi prijorita u ma kinux urġenti , il-Qorti m'hijiex eżonerata milli tonora r-rekwiżit impost bl-Artikolu 6 (1) Konvenzjonali u Artikolu 39 (2) Kostituzzjonali billi tiżgura s-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju f'għeluq żmien raġonevoli.*

***Atteġġjament tal-partijiet***

*L-abbilità tal-ġudikanti li jiddisponu mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet personali tagħhom iżda, tiddependi wkoll fuq l-atteġjamenti tal-partijiet fil-kawża. Dan ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża* ***Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali*** *(Rik. Kost. Nru 83/13) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015:*

> *"Il-Qorti kompliet tishaq illi huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawżi ma jdumux aktar min-neċessarju, iżda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inklużi tal-periti ġudizzjari, li jagħtu l-informazzjoni preċiża lill-Qorti dwar dak li kien qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jiġi reġistrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-każijiet bħal dawk de quo fejn jirriżulta li l-imħallfin inbidlu bosta drabi. F'dan il-każ l-oneru tal-partijiet li dawn jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imħallef ġdid, dwar l-andament tal-kawża jassumi aktar importanza."*

*L-awturi* ***Jacobs, White and Ovey*** *fil-ktieb tagħhom* ***The European Convention on Human Rights*** *(s-seba' edizzjoni (2017)) spejgaw illi:*

> *"In civil cases [...] The State can be held responsible only for delays which are attributable to it; if the parties to the litigation [...] have caused or contributed to the delay, those periods of time are not taken into account."*

*Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qiegħda tilmenta jinkludu:*

1. *nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (Vernillo v. France § 34);*
2. *bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (König v. Germany §103);*
3. *talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (Acquaviva v. France § 61);*
4. *nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (Keaney v. Ireland § 95);*
5. *tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (out-of-court settlement) (Pizzetti v. Italy § 18; Laino v. Italy [GC] § 22);*

6. *proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (Beaumartin v. France § 33);*
7. *litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (Pereira da Silva v. Portugal §§ 76-79).*

*Il-Qorti ma tarax li d-dewmien sabiex tingħta sentenza finali jista' f'dan il-każ jiġi attribwit lill-atteġjament tal-partijiet fil-kawża.*

*Għalkemm seta' kien hemm xi seduta li setgħat ġiet utilizzata aħjar - bħal dik is-seduta fi stadju pretrial fejn saret biss dikjarazzjoni li l-atturi m'għandhomx aktar provi u l-konvenuti ma resqux provi, bħal dik is-seduta fejn fil-mori tad-differiment il-konvenuti fil-kawża ċivili kellhom jippreżentaw il-mistoqsijiet tagħhom lill-Perit fi żmien raġenevoli ħalli jilħaq jippreżenta r-risposti fis-seduta li kien imiss, kif ukoll bħal dik is-seduta fejn intalab li ssir nota ta' kritika responsiva mill-atturi iżda baqgħet ma ġietx ippreżentata u minflok saret trattazzjoni fis-seduta ta' wara - il-Qorti ma tarax li d-dewmien ta' erbatax-il sena huwa attribwit għal dawn il-ftit differimenti. Tant huwa l-każ li kif diġa ġie osservat aktar 'il fuq, il-provi u s-sottomissjonijiet ġew konklużi fi ftit aktar minn tlett snin minn meta ġie ntavolat ir-rikors promotur.*

*Il-fatt waħdu li parti f'azzjoni tintavola appell m'għandux jinftiehem li kien hemm abbuż minn dik il-parti bħal ma donnu qiegħed jagħti x'jifhem l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. L-appell huwa dritt ta' kull parti f'azzjoni u m'għandu qatt ikun preżunt li mhux ser ikun hemm bidla fl-eżitu aħħari. In oltre jiġi osservat ukoll minn din il-Qorti li l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) ma sabitx li l-appell tal-konvenuti (ir-rikorrenti fl-azzjoni odjerna) kien wieħed frivolu u vessatorju.*

***Il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja***

*Fil-kawża* ***John Bugeja vs. Avukat Ġenerali et*** *(Rik Kost Nru 29/2002) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awwissu 2003 intqal:*

> *"17. Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqagħtet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa' l-ħtija għad-dewmien fuq l-imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża li damet. Ikun ġudizzju x'aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-imħallef partikolari ikun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diligenti f'xogħolu. Dan għaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikaċja o meno ta' l-ambjent li jaħdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu numru kbir ta' kawżi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilħaq imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawżi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawżi, jekk l-imħallef*

> *jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*
>
> *"18. Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ 14 sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra ta' l-istat, ċioe` l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'poċizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli.*
>
> *"19. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:*
>
> *".... imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."*"

*Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dewmien tal-proċeduri, il-perjodu rilevanti għandu jikkomprendi t-terminazzjoni tagħhom b'sentenza definittiva. Kif ġie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-każ ta'* ***Konig v. Germany*** *(Appl Nru 6232/73) mogħtija fit-28 ta' Ġunju 1978:*

> *"98. [...] As regards the period to which Article 6 (art. 6) is applicable, the Court has held that in criminal matters this period covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (above-mentioned Wemhoff judgment, pp. 26 and 27, paras. 18 and 20; above-mentioned Neumeister judgment, p. 41, para. 19; Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, paras. 25 and 26). The position - as, moreover, the Government concede - is no different in the case of disputes ("contestations") over civil rights and obligations for which Article 6 para. 1 (art. 6-1) likewise requires that there be - at first instance, on appeal or in cassation – a determination."*

*Ġie ritenut mill-QEDB fis-sentenza Kudla v. Poland (Appl Nru 32010/96) mogħtija fis-26 t'Ottubru 2000 li:*

> *"122. [...] Article 6 § 1 does not compel the States to set up courts of appeal or of cassation. Nevertheless, a State which does institute such courts is required to ensure that persons amenable to the law shall enjoy before them the fundamental guarantees contained in Article 6 (see, among other authorities, the Delcourt v. Belgium judgment of 17*

> *January 1970, Series A no. 11 pp. 13-15, § 25, and the Brualla Gómez de la Torre v. Spain judgment of 19 December 1997, Reports 1997-VIII, p. 2956, § 37).*
>
> *While the manner in which Article 6 is to be applied in relation to courts of appeal or of cassation depends on the special features of the proceedings in question, there can be no doubt that appellate or cassation proceedings come within the scope of Article 6 (see, mutatis mutandis, the Twalib v. Greece judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, pp. 1427-28, § 46). Accordingly, the length of such proceedings should be taken into account in order to establish whether the overall length of the proceedings was reasonable."*

*Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Fatiha Khallouf vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *(Rik Kost Nru 24/2001) deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001 irriteniet li*

> *"ċerti mankanzi, jew anke aspett partikolari wieħed, jistgħu jkunu tant determinanti għall-eżitu ta' kawża fil-każ konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wieħed partikolari ikunu/tkun biżżejjed biex qorti tasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm "smigħ xieraq""*

*Fil-każ odjern il-'mankanza' huwa proprju d-differiment ripetuti sabiex tingħata s-sentenza u d-dewmien oġġettivament eċċessiv sabiex ġie appuntat l-appell.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jispjegaw illi dak li qed jilmentaw minnu huwa dawk il-perjodi li fihom ma sar xejn u ċioe minn meta kellha tingħata s-sentenza mill-Ewwel Qorti sad-data li attwalment ingħatat is-sentenza (perjodu ta' kważi seba' snin) u mid-data tal-preżentata tal-appell sad-data li ġie appuntat l-appell (perjodu ta' kważi erba' snin).*

*L-Avukat tal-Istat jagħmel referenza għall-Artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 u jissottometti illi r-rikorrenti kellhom rimedju fiż-żmien rilevanti billi jitolbu bdil tal-ġudikant.*

*Hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm huwa minnu li dan l-artikolu jista' joffri rimedju ordinarju pero l-istess rimedju jaf jikkawża aktar dewmien. Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża* ***Philip Grech pro et noe vs. Avukat Ġenerali et*** *(Rik Kost 85/2015) deċiża fil-25 t'April 2017 irriteniet li:*

*"Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan ir-rimedju ma jista' qatt jeżonera lill-Istat mill-obbligazzjonijiet imposti permezz tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ċertament ma joffrix rimedju għad-dewmien irraġjonevoli li ġia seħħ.*

*Inoltre jista' fih innifsu jservi biex itawwal il-proċeduri billi t-tibdil fil-ġudikant jista' iservi biex ikompli jtawwal il-proċeduri sakemm il-ġudikant sostitut jieħu konjizzjoni tal-atti, anke permezz ta' smigħ mill-ġdid ta' xhieda u tat-trattazzjoni orali finali."*

*Inoltre, l-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Prim'Awla meta kien hemm differiment wara ieħor għas-sentenza ftit li xejn jista' jtaffi r-responsabiltà ta' l-istat fil-każ odjern billi effettivament irriżulta li l-istat naqas li jipprovdi lir-rikorrenti bi smigħ u determinazzjoni tal-kawża tagħhom, f'egħluq iż-żmien raġonevoli. Dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-appell. Huwa minnu li ai termini ta-Regolament 9 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 "il-kawżi jinstemgħu u jinqatgħu fl-ordni kronoloġiku li fih ikun ġie preżentat fir-reġistru tal-qorti l-att promotorju tal-kawża" iżda fil-fehma tal-Qorti kien hemm dewmien eċċessiv sabiex ġie appuntat l-istess appell. Din il-Qorti tifhem u tapprezza li l-Qorti tal-Appell għandha backlog ta' kawżi iżda dan l-stat ta' fatt waħdu ma jeżonerax lill-iStat mill-obbligi kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu fir-rigward.*

*Għalhekk tqis, li t-trapass ta' seba' snin quddiem il-Prim'Awla sabiex ingħatat sentenza u tlett snin (eskluż l-ewwel sena meqjusa bħala raġjonevoli għall-finijiet ta' appuntament, notifiki u trattazzjoni) quddiem il-Qorti tal-Appell iwassal sabiex ġie kkawżat dewmien irraġonevoli bi ksur tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

***Kumpens***

*Meta jirriżulta li kien hemm dewmien irraġonevoli, bħal fil-każ odjern, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, indipendentament ukoll jekk ir-rikorrenti hijex il-parti rebbieħa jew telliefa fil-proċeduri ċivili u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża. Il-Qorti takkorda danni morali ġeneralment għall-inkonvenjenza u l-ansjetà li d-dewmien ikun ikkaġuna lir-rikorrenti. Sabiex tagħmel dan, il-Qorti ma għandhiex bżonn provi materjali għaliex id-dewmien irraġjonevoli fih innifsu huwa prova inkonfutabbli li xi xorta ta' danni irid jingħata.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali*** *(Rik. Kost. Nru 71/2010) deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015:*

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid A Practitioner's 18 Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-restitutio in integrum tal-jeddijiet tagħha [Kost. 11.8.2003 fil-kawża fl-ismijiet John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili*

> *normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża" [Kost. 3.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**]."*

*L-aktar sentenza riċenti rigwardanti s-suġġett in materja mogħtija mill-Qorti Kostituzjonali li ltaqat magħha din il-Qorti hija dik fl-ismijiet Michael Debarro et vs. Avukat tal-Istat (Rik Kost 176/2020) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 fejn il-kumpens attribwit għal dewmien ta' dsatax-il sena kien dak ta' €3,000.*

*Fil-każ odjern il-Qorti sejra tattribwixxi d-danni morali għal dawk is-snin fejn ma kien qiegħed isir xejn mill-Qorti jew għaliex il-kawża kienet qiegħda tiġi ripetutament differita għas-sentenza jew inkella iż-żmien oġġettivament irraġonevoli sakemm ġie appuntat għas-smiegħ l-appell.*

*Il-Qorti qiegħda tillimita għal dak il-perjodu biss stante li kif rajna supra ma irriżultax li kien hemm manuvri ta' ħela ta' ħin minn xi parti fil-kawża ċivili.*

*Is-somma li l-Qorti sejra tatribwixxi bħala danni non-pekunjarji għad-dewmien irraġonevoli ta' għaxar snin hija ta' ħamest elef ewro (€5,000) lill-konjuġi Bonavia u ħamest elef ewro (€5,000) lill-konjuġi Falzon. Il-Qorti m'hijiex ser tordna l-ħlas ta' danni pekunjarji in vista li ma nġabet l-ebda prova fir-rigward.*

*Dwar l-ispejjeż ġudizzjarji, tenut kont illi t-talba tar-rikorrenti għad-danni pekunjarji qed tiġi miċħuda, l-Qorti tqis illi ai termini tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż għandhom jitħallsu in kwantu għal kwint (1/5) mir-rikorrenti u in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-intimat.*

**Ikkunsidrat**

24. Il-Qorti tosserva illi kien xieraq u ġust illi jiġi risprodott in extenso s-sentenza erudita tal-Prim' Awla fis-sentenza fuq indikata, illi ma ġietx appellata, peress illi, filwaqt illi jidher ċar illi l-fattispeċje tal-każ kif riprodott mill-abbli Ġudikant huwa IDENTIĊI għal kawża odjerna, tistqarr illi hija kemmxejn perplessa, u tassew imħassba, kif l-Avukat tal-Istat ħass illi kellu jilqa' għal tali każ billi jitlob li t-talbiet jiġu miċħuda, meta f'kawża li tirrigwarda l-istess meritu eżatt, u mibdija mill-konvenuti f'dik il-kawża, li eventwlament tilfu l-kawża tagħhom, il-Qorti sabet ksur, u l-Avukat tal-Istat ma appellax minn tali deċiżjoni.

25. Il-Qorti tifhem illi, la darba instab ksur a favur ta' intimati f'proċess li, wara kollox, ġie dikjarat li ma kellhomx dritt jagħmlu dak li għamlu, aktar u aktar huwa ovvju illi ma

hemm assolutament ebda raġuni ‘l għaliex ma jiġix dikjarat illi kien hemm ksur a favur tar-rikorrenti, li kienu bdew proċeduri huma u illi damu jistennew aktar minn erbgħatax-il sena sabiex jiġi lilhom ikkonfermat illi kellhom raġuni jressqu ilment kontra l-konvenuti f'dik il-kawża.

26. Hija tassew inverosimili illi l-Avukat tal-Istat jipprova jikkontendi li ma hemm ksur f'dan il-każ, meta Qorti ġia dikjarat **<u>QABEL MA ĠEW IMNEDIJA TALI PROĊEDURI</u>**, illi kien hemm ksur fl-istess proċeduri illi huma meritu tal-kawża odjerna!!

27. Lanqas li kellu jagħmel l-Avukat tal-Istat kienet illi jammetti l-kawża ab initio, sabiex jiġi evitat lir-rikorrent dewmien ulterjuri, la darba l-istess Avukat tal-Istat ma kienx f'posizzjoni illi joffri kumpens fuq l-istess modalitajiet ġia proposti fil-kawża fuq kwota, lir-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

28. Dwar il-prinċipji li Qorti għandha tikkunsidra fejn jirrigwarda dewmien ta' każ, filwaqt li l-Qorti fuq riprodotta għamlet rassejna tassew erudita tal-posizzjoni legali, din il-Qorti tqis illi jkun opportun li jiġi riprodott ukoll dak rilevat fil-***Guide on Article of the European Convention on Human Rights*** pubblikat mill-istess Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Frar 2023, fejn dwar komplessita' tal-każ, kellha dan xi tgħid:

> ***i. Complexity of the case***
>
> *502. The complexity of a case may relate both to the facts and to the law (Papachelas v. Greece [GC], 1999, § 39; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, 1994, § 55). It may relate, for instance, to the involvement of several parties in the case (H. v. the United Kingdom, 1987, § 72) or to the various items of evidence that have to be obtained (Humen v. Poland [GC], 1999, § 63). A case may be legally complex because of the scarcity of precedents at national level, or the need to seek a ruling from the CJEU on questions relating to the interpretation of European law (Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], 2017, § 212).*
>
> *503. In Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, proceedings involving a civil-party claim were of "considerable factual complexity", which had increased because of the many expert reports required (§ 210) – with regard to expert reports, compare with Q and R v. Slovenia, § 79, 2022.*
>
> *504. The complexity of the domestic proceedings may explain their length (Tierce v. San Marino, 2003, § 31). However, while acknowledging the complexity of insolvency proceedings, the Court has found that a duration of approximately twenty-five years and six months did not satisfy the "reasonable time" requirement (Cipolletta v. Italy, 2018, § 44).*
>
> *505. Even if the case in itself is not a particularly complex one, the lack of clarity and foreseeability in the domestic law may also render its examination difficult and contribute decisively to extending the length of the proceedings (Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], 2016, § 150).*

29. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak dikjarat mill-Qorti Ewropeja fil-kawża **Rutkowski and others vs Poland** deċiża fis-7 ta' Lulju 2015, fejn, meta ġiet biex tqis ilment ta' dewmien, għamlet is-segwenti osservazzjoni preliminari:

> ***A. General principles deriving from the Court's case-law***
>
> *126.The "reasonable time" guarantee of Article 6 § 1 serves to ensure public trust in the administration of justice. The other purpose of the guarantee is to protect all parties to court proceedings against excessive procedural delays; in criminal matters, especially, it is designed to avoid leaving a person charged with a criminal offence in a state of uncertainty about his or her fate too long. It underlines the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility (see, among other examples, Finger v. Bulgaria, no. 37346/05, § 93, 10 May 2011, with further references to the Court's case-law, in particular to Bottazzi v. Italy[GC], no. 34884/97, § 22, ECHR 1999-V; and Scordino (no. 1), cited above, § 224).*
>
> *127.The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case and the conduct of the applicant and of the relevant authorities. On the latter point, what is at stake for the applicant has also to be taken into account (see Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 124 ECHR 2000XI).*
>
> *128.Article 6 § 1 of the Convention imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of the requirements of this provision, including the obligation to hear cases within a reasonable time (see, among many other authorities, Bottazzi, § 22, and Scordino (no. 1), § 183, both cited above).*
>
> *States are responsible for delays attributable to the conduct of their judicial or other authorities. They are also responsible for delays in the presentation of the reports and opinions of courtappointed experts. A State may be found liable not only for delay in the handling of a particular case, but also for failure to increase resources in response to a backlog of cases, or for structural deficiencies in its judicial system that cause delays. Tackling the problem of unreasonable delay in judicial proceedings may thus require the State to take a range of legislative, organisational budgetary and other measures (see Finger, cited above, § 95, with further references).*

**Kumpens**

30. Jirriżulta bla ebda dubju illi, wara li l-kawża ġiet differita għal erbgħ u għoxrin (27) darba għas-sentenza fuq medda ta' ftit aktar minn sebgħa (7) snin, fid-29 ta' Settembru 2019 ingħatat is-sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

31. Jirriżulta bla ebda dubju ukoll illi, għalkemm appell kien intavolat fid-19 ta' Ottubru 2016, u daħlet risposta tal-appell fil-5 ta' Jannar 2017, l-atti tal-kawża ġew imdaħħla fil-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Awissu 2020 (vide fol 238 tal-volum tal-Appell), u fil-5 ta' Jannar 2021 appuntat l-appell għas-smiegħ, fejn ftit wara, fit-8 ta' Frar 2021saret it-trattazzjoni u fil-25 ta' Frar 2021 ingħatat is-sentenza.

32. Filwaqt illi huwa tassew impekabbli li kawża tiġi appuntata għas-smiegħ fil-5 ta' Jannar 2021 u sa xahar u nofs wara tingħata sentenza finali, ċertament ma huwiex ġustifikabbli illi kawża titħalla, kif jgħidu l-Ingliżi 'in abeyance' u f'limbo assolut għal ftit anqas minn erbgħa snin.

33. Għalhekk, dina l-Qorti ftit li xejn tista' tgħid ħlief illi, filwaqt li tirribadixxi u tagħmel bħala tagħha l-konstazzjonijiet kollha magħmula mill-Prim' Awla fil-kawża 225/2021 kif fuq riprodotti, tirrikonoxxi illi kien hemm dewmien żejjed u bla proporzjon fl-għoti tas-sentenza finali da' parte ta' l-Ewwel Qorti u dewmien żejjed u bla proporzjon biex tappunta l-kawża da parte tal-Qorti tal-Appell.

34. Il-Qorti tifhem illi Ġudikant jista' jkollu pressjoni kbira ta' xogħol, dettata kemm mill-volum kbir tal-kawżi illi jkun qiegħed jirrinfaċċja kif ukoll minħabba fin-natura komplessiva tal-każi illi wieħed jista' jkun qiegħed jisma', u tifhem ukoll illi l-istess Ġudikant jaf ikollu bżonn iż-żmien adegwat sabiex jagħrbel u jifli sew il-każ qabel ma jippronunzja ruħu – madakollu, ċertament ma huwiex f'loku li tali trapass ta' żmien jieħu madwar sebgħa snin mingħajr ma jsir assolutament xejn għajr għal erbgħa u għoxrin differiment. Tali trapass ta' żmien, fejn kawża tkun virtwalment fi stat wieqaf, tistenna d-deċiżjoni finali tal-Qorti, ċertament ġiet dejjem meqjusa, mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, bħala dewmien illi jilledi d-drittijiet ta' min qiegħed jistenna l-eżitu tal-kawża. L-istess jgħodd ukoll għal fatt illi, għal erbgħa snin sħaħ, l-amministrazzjoni tal-Qorti tal-Appell lanqas biss ma qiegħdet il-kawża fuq il-lista ta' kawżi li kellhom jinstemgħu!

35. Fil-każ odjern, jidher ċar illi, fiż-żewġ istanzi, iżda partikolarment fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Qorti Ċivili, kien hemm dewmien sproporzjonat fejn kawża baqgħet wieqfa, u dana ma jistax ħlief jitqies bħala illi jivvjola d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u fi żmien raġjonevoli, skond kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

36. Dwar il-kumpens dovut, din il-Qorti tosserva illi fil-kawża 225/2021 RGM, dik il-Qorti akkordat kumpens ta' €5,000 lil kull wieħed mill-konvenuti.

37. Din il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent odjern kien attwalment ir-rikorrent fil-kawża, u għalhekk kien qed jistenna, għal dawk is-snin kollha, illi dritt sacrosant tiegħu, jiġi lilu kkonfermat.

38. Din il-Qorti tosserva wkoll illi ma inġiebet ebda prova li turi illi l-Avukat tal-Istat, wara s-sentenza 225/2021, pproċeda biex joffri kumpens lir-rikorrenti in linea ma' dak mogħti fis-sentenza fuq ċitata, u anzi jirriżulta illi, mhux talli ma għamilx hekk, iżda talli oġġezzjona illi b'kwalsiasi mod r-rikorrenti jingħata kumpens.

39. Għalhekk, filwaqt illi dina il-Qorti tista' faċilment tadotta l-istess kejl ta' kumpens mogħti mill-Prim' Awla kif fuq ġia indikat, tħoss illi jingħata messaġġ ħażin jekk dana jkun il-każ, u dana peress illi, l-Avukat tal-Istat messu, la darba kien ġia ġie dikjarat illi

kien hemm ksur, ta’ lanqas offra l-istess kumpens lir-rikorrenti, u b’hekk kien jagħti x’jifhem illi huwa qiegħed jaċċetta d-deċiżjoni ta’ l-ewwel Qorti fil-kawża 225/2021 RGM bħala applikabbli lill-partijiet kollha, u seta’ wkoll, biex jeżimi ruħu minn tali responsabbilta u juri l-buona volonta’ tiegħu, jiddeposita tali somma fir-Reġistru tal-Qorti – kieku dana kien il-każ, din il-Qorti kienet ċertament tqis dan a favur tal-Avukat tal-Istat.

40. Madanakollu, fil-każ odjern, ir-rikorrent, li kellu jistenna erbgħatax-il sena sabiex jiġi lilu kkonfermat dritt sagrosant tiegħu, kellu jniedi l-proċeduri odjerni sabiex jiġi lilu dikjarat li d-dritt ta’ smiegħ xieraq ġie lilu leż, liema fatt kien ġie ġia dikjarat leż fil-konfront tal-konvenuti illi kontra tagħhom huwa kien beda kawża fis-sena 2006.

41. Għalhekk, in vista ta’ dan il-Qorti tqis illi ghandha tagħti kumpens differenti minn dak mogħti lill-konvenuti fil-kawża fuq riprodotta, u l-kumpens ser jiġi likwidat fis-somma ta’ sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta tal-intimati;

Wara illi rat l-atti tal-proċeduri Ċivili Rikors Ġuramentat 273/2006 fl-ismijiet ‘**Anthony Bugeja et vs Marica Falzon et**’ deċiża fil-Prim' Istanza fid-29 ta’ Settembru 2016.

Wara illi rat l-atti tal-Appell Ċivili Rikors Ġuramentat 273/2006 fl-ismijiet ‘**Anthony Bugeja et vs Marica Falzon et**’ deċiża mill-Appell Superjuri fil-25 ta’ Frar 2021;

Wara illi rat in-noti ta’ sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’ l-Ewwel Talba** u għalhekk:

<u>**Tiddikjara**</u> illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu meta l-proċeduri Civili 273/06 JRM, mibdija fid-29 ta’ Marzu 2006, u deċiżi finalment fil-25 ta’ Frar 2021, ħadu aktar minn erbghatax-il sena sabiex jingħalqu b’mod definittiv, u dana bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Tilqa’ t-Tieni Talba** limitatament u dan billi:

<u>**Tillikwida**</u> id-danni non-pekunjarji sofferti mill-konjuġi Anthony u Anna Buhagiar fis-somma ta’ sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500).

**Tilqa’ t-Tielet Talba** u dan billi:

<u>**Tikkundanna**</u> lill-Avukat tal-Istat sabiex jagħmel tajjeb għal tali ksur billi jħallas lir-rikorrent, bħala kumpens ta’ danni non-pekunjarji, is-somma ta’ sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500).

**Tordna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent, is-somma ta' **sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500)**, kif fuq aħjar deskritt.

**Spejjeż** kollha tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat Avukat tal-Istat.

**Imgħax** dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**